MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 31**

**It-Tnejn, 20 ta' April 2026**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tnejn, 20 ta' April 2026 fis-6:00 ta filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**31.1 Talba;**

31.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-06:00 ta filgħaxija, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**31.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

31.2.1 Għal din il-laqgħa ma kienx hemm ittri t'apoloġiji peress li l-membri kollha kienu prezenti.


*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT31.10, Għawdex*
*Tel: 25558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**31.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

31.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 30 ġew ċirkulati u moqrija.

31.3.2 Is-sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezjonjijiet għall-minuti.

31.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**31.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

31.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 24/2026 għall-perjodi bejn is-26 ta' Marzu u l-20 ta' April 2026 li tammonta għal €14,961.74 ġiet approvata u iffirmata.

**31.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

31.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, xtaq jirreferi għall punt 30.9.1 tal-laqgħa preċedenti li kien dwar l-iskema tar-*Region of Gastronomy 2026* . Hu irrefera għal diskussjoni li kienet saret fuq din l-iskema fejn peress li ma nstabitx tip ta attivita' li tista tkun parti minn din l-iskema kein ġie deċiż li ma napplikawx. Hu informa lil membri li l-iskema ġiet mġedda sabiex tati lilna l-opportunita li nieħdu sehem peress li aħna biss ma konnix applikajna. Waqt diskussjoni mal-manager responsabli minn din l-iskema ħarġet l-idea li nagħmlu attivita' relatata mad-Day Centre li tkun relata mal-ikel, u li tkun simili ta dik li saret fil-Karnival. Il-Kunsill applika għal din l-attivita' izda din l-applikazzjoni tkun biss approvata jekk jkun hemm kunsens mill-kunsill, għalhekk is-Sindku talab lil membri jieħdu deċizjoni dwar dan sabiex nkunu nistaw nissottomettu l-applikazzjoni uffiċjali. Il-membri kollha qablu li napplikaw fejn ikkonfermaw ukoll li d-deċizjoni li ma naplikawx kienet biss ibazata fuq il-punt li ma nstabitx attivita' li tista tissodisfa l-kriterji.

**31.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

31.6.1 Ma kien hemm edba intervent mill-membri.

**31.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;**

31.7.1 Is-Segretarju infurmat lil membri li l-fondi tal-iskemi ta Autumn Funland €4,500 u Cooking with Santa €1,500 ġew irrimborsati. Hi infurmat ukoll lil membri, li wara li tlabna lid-DLG għal rimiborss għal kontijiet tal-Wifi4u tas-snin 2024 u 2025 dawn ukoll ġejna irriborsati għalihom.

31.7.2 Is-Segretarju infurmat lill membri li l-apparat li ġie irrakomandat mid-Dipartiment għal-*online streaming* wasala, iżda xħin ippruvajna nistallawh ma irranexxilinx. Għalhekk sar kuntatt mal-Manager tal-IT tar-Reġjun u ġejna infurmati li dan mhux sempliċiment plug and go, imma jrid ikun mgħoddi u mqabbad ma sistema ta online streaming. Sar il-kuntatt ma din il-kumpanija li joffru dan is-servizz u ser ikunu qed jinfurmawna jekk l-apparat tagħhna huwiex kompatibli mas-sistema tagħhom. Peress li din l-informazzjoni ma kienitx mgħoddija lilna qabel, is-Segretarju ser tkun qed tara xi spiza hemm biex ikolna dan is-servizz

31.7.3 Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni tal-membri dwar il- PQs li kien hemm dawn l-aħħar ġimgħat.

31.7.4 Is-Segretarju irreferiet għas-sistema tal-ġbir tal-BCRS mid-djar hi infurmat li dan is-servizz jingħata b'appuntament u li min hu interessat li jibbenefika minn dan is-servizz irrid iċempel u jagħtuh ġurnata u ħin meta l-flixken ikunu ser jinġabru.

31.7.5 Is-Segretarju infurmat lill membri li min din il-ġimgħa se jibda s-servizz tal-*sweeper* – servizz ofrut darba f'ġimgħa f'kull lokalita f'Għawdex u ser inkunu qed nibdew minn Triq John Gaspard Le Merchant.

31.7.6 Is-Segretarju infurmat lill membri l-*speed limit* ta' Triq il-Qalb ta' Ġesu ġie ikonfermat ta 30 km u ser ikun qed jinzebagħ l-*speed limit* mal-art, fl-istess waqt hi talbet biex tara jekk il-membri jixtiequx ukoll li ssir tabella li turi dan ukoll u li teħel mas-sinjal taz-zone B. Il-membri qablu unanimament.

31.7.7 Is-Segretarju xtaqet taġġorna dwar il-qasab tal-Wied tax-Xlendi u hi qalet li l-ERA irrakomandat li nagħmlu kuntatt mal-ECO Gozo biex jigwidana huma.

31.7.8 Is-Segretarju aġġornat ukoll lil membri dwar is-sinjali li hemm fid-daħla ta Wied Siekel id-direzzjoni minn naħħa ta TM ghada pendenti peress li

huma ser jikonsultaw mal-perit tagħhom u jigwidawna skond ir-risposta tiegħu.

31.7.8 Is-Segretarju ippreżentat din il-lista ta korrispondenza li ġew iċċirkulati mill-aħħar laqgħa sad-data ta din il-laqgħa :

| Date sent | From | Title |
|---|---|---|
| 3/26/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/023_ALDA General Assembly 2026. |
| 3/26/2026 | DLG | Call for Applications: URBACT Action Networks. |
| 3/27/2026 | PQ | Bandli Magħluqin |
| 3/27/2026 | MCLG | Invitation to Information Session – Local Councils Scheme for Open Spaces & Community Areas |
| 4/1/2026 | PQ | Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali – Defibrillators |
| 4/1/2026 | Science in the City | Call for organisations to Join Science in the City 2026 – Apply Now! Research, Resist, Reimagine |
| 4/1/2026 | MWBA | Collaboration Opportunity - MWBA Outreach Project |
| 4/1/2026 | Ewropa Kreattiva | Creative Europe is coming to Gozo |
| 4/1/2026 | Foundation Robert Schuman | Hungary as a Trailblazer: the Rise of Illiberal Democracy and its Discontents |
| 4/2/2026 | AKL | Cir AKL 2026/027_PROSPECT First call for applications is now open! |
| 4/2/2026 | Reġjun Għawdex | BCRS Home Collection Service |
| 4/6/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/028_Sejħa għall-Interess – Parteċipazzjoni fil-Proġett Ewropew COHERIT (CERV Programme 2026). |
| 4/8/2026 | DLG | Call for Applications: Peer reviewers – Open until 22 April 2026. |
| 4/10/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/029_Invitation to the European Social Services Conference (ESSC) in Malta. |
| 4/10/2026 | Artistic Team Victoria 31 | Stedina għall-aveniment fit-18 ta' April 2026. |
| 4/15/2026 | New Horizons | New Horizons Malta Training Proposal - Lifelong Learning as a Key to Better Governance at a Regional and Local Level |
| 4/15/2026 | AW Support Schemes | Support Scheme for Recreational Open Spaces, Sensory Play Areas and Green Pockets which Include Dog Parks or Cat Cafes 2026 |
| 4/16/2026 | AKL | Cir AKL 2026/031_You Matter - Thriving Under Pressure_08.05.2026 |
| 4/16/2026 | | EU Climate Pact 2026 National Event - 24th April 2026 - Invitation and Updated Agenda |
| 4/16/2026 | | Housing Landscape Conference Returns |

| | | |
|---|---|---|
| 4/17/2026 | PQ | PQ 35834 - DOG BINS |
| 4/20/2026 | PQ | Kunsilli Lokali - Laqgħat mal-Pulizija |
| 4/20/2026 | TM | Triq Wied Siekel - Tabelli u Bollards |
| | | **Talbiet/Ilmenti** |
| 4/1/2026 | Neil Muscat | Ilment dwar l-istat ta' Sqaq L-Andar fejn għandu x'jaqsam ma saħħa u ndafa. |
| 4/6/2026 | Arkivji Nazzjonali | Talba għall-kopji tal-Minuti u l-Iskedi tal-Pagamenti minn Diċembru 2021. |
| 4/12/2026 | Jeanette Grima | Ilment dwar żwiemel żgħar li qed ikunu barra fi Triq Għajn Tuta, wieħed ikun marbut ma serkin u ieħor mhux marbut, kif ukoll dwar il-ħmieġ li jitħalla wara ż-żwiemel. |
| 4/15/2026 | Christian Tabone | Talba għan-No Objection mill-Għaqda Għajn Tuta ta' Kerċem sabiex tingħalaq Triq ix-Xlendi nhar l-10 ta' Lulju 2025 fil-ħinijiet tal-ħruq tan-nar tal-ajru. |
| 4/16/2026 | Veronica Cremona | Talba sabiex isiru Sinjali sofor twal man-naħħa tal-garage tal-blokka St Julians Residence fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Is-Sa Cremona qalet li One Metre Double Yellow line huma qosra wisq, u xorta waħda jkun perikoluż sabiex toħroġ mill-garage. Hi talbet ukoll għall-mera faċċata tal-garage. |
| 4/17/2026 | | Suġġeriment mingħand diversi residenti sabiex jitwaħħlu stickers mat-taraġ li jgħaqqad Triq ta' Mulejja ma Triq Għajn Tuta sabiex ma jkunx jiżloq. |

## 31.8 Attivitajiet fil-ġimgħat li ġejjin;

31.8.1 Is-Sindku talab li tġi diskussa "Festa Tfal". Ġew diskussi l-alternativi bħala dati u possibiltajiet peress li din is-sena l-festa liturġika u l-festa titulari ġew vera qrib. Ġie deċiz li din issir il-Ħadd 31 ta' Mejju. Il-programm se jkun: quddiesa tal-10:30 am, wara jkun hemm marċ mill-banda *Allegro Clefs* bl-istatwa u wara nagħtu xi ħaġa lit-tfal u naraw jekk nistawx nagħmlu xi entertainment lit-tfal.

31.8.2 Is-Sindku xtaq ukoll jiddiskuti l-ġurnata ukoll ta "Festa Anzjani". Wara diskussjoni ġie deċiz li din issir it-Tlieta tal-festa 9 ta' Ġunju.

31.8.3 Waqt li kienet qed jiġi konkluz il-pjan ta Festa Anzjani ġie mistoqsi jekk il-kunsill kienx qed jikunsidra it-talba li kienet saret is-sena l-oħra wara l-festa biex jinkrew siġġijiet għal-pjazza lejliet u dakinhar tal-festa. Wara diskussjoni ġie deċiż li nitolbu stima għal 30 siġġu.

31.8.4 Is-Sindku informa lil membri ukoll li bħas-snin li għaddew għal Jum l-Omm ser issir ħarġa. Din ser tkun quddiesa Marsalforn u wara se jkun hemm cafe' u pasti, tombla u ikla buffet. Ġie ukoll deċiz li jingħata riġal zgħir lil kull omm prezenti.

## 31.9 L-aħħar preparamenti – Summer of Culture;

31.9.1 Is-Sindku informa lil membri li wara l-laqgħa li saret mal-għaqdiet dwar din l-attivita' u li għaliha kien prezenti il-kunsillier Carmelo Micallef, ġie deċiz li l-Kummisjoni tieħu l-*stands* tal-ġelat, u tan-nar iddeċidew li jieħdu ħsieb il-bars. Tal-armar ser ikunu qed jarmaw id-dwal li s-soltu jkun armat fil-festa. Saret diskussjoni fuq l-bejgħ tal-ikel u ġie deċiż li ngħidu l-ewwel lil tar-raħal u jekk ma jkunx hemm tnejn interessati nduru fuq dawk li s-soltu jarmaw fil-festa tar-raħal. Ġiet diskussa ukoll l-possibilita li naraw nistawx nikru l-għalqa li tinsab ezatt ħdejn it-taraġ biex nevitaw il-*park and ride*. Qabel ma ingħalqet id-diskussjoni is-Segretarju pprezentat l-istimi tan-nar li nġabru għal l-ispetaklu tan-nar li kien deċiz li jsire waqt l-attivita, biex il-membri jiddeċiedu ma liema stima ser jipproċedu, sabiex tiġi ikonfermata u tkun tista issir l-ordni. L-membri qablu unanimament li tintgħazel l-stima ta Pyroart Professional Pyrotechnics li kienet l-irħas.

## 31.10 Applikazzjonijiet Skemi 2026;

31.10.1 Is-Sindku reġa fakkar lil membri li ġew ippublikati l-iskemi tat-2026. Hu xtaq jagħmel referenza għal skema *SPI/SCI/02/2026* - ***Finanzjament – Lokalitajiet aktar nodfa.*** Hu ippropona li jekk ikun hemm qbil nerġaw napplikaw għal dan il-finanzjament, nagħmlu attivita' oħra ta tindif nhar is-19 ta' Settembru u nixtru *pressure washer* li tkun tista tintuza fit-toroq u għalhekk magħha hemm bzonn li jinxtara generator biex tkun tista titħaddem din il-pressure washer flimkien ma apparat ieħor li jaħdem bid-dawl u li jintuza għal indafa bil-beraħ. Flimkien ma dawn is-Sindku ippropona li jinbidlu l-liners ta ċerti rubbish bins li spiċċaw. Il-membri qablu unanimament.

## 31.11 Aġġornament tal-proġetti;

31.11.1 Is-Sindku bi pjaċir informa lill membri li l-kuntratt għal-extension tal-culvert tal-proġett ta Taħt ir-Railing ġie iffirmat u jinsab f'idejna għalhekk issa jista jitkompla x-xogħol. Meta sar il-kuntatt mal-kuntrattur biex jipproċedu sirna nafu li kien għadhom ma ikkonfermawx jekk hemmx servizzi għaddejjin. Biex ma jittawwalx dan il-proċess ukoll is-Segretarju iddeċidiet li tikordina hi dan il-proċess bejn il-kuntrattur u tal-Water Services u Enemalta.

**31.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-07:35 ta' filgħaxija. Ġie deċiż il-laqgħa li jmiss tkun nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju fit-06:00 p.m.

Konfermati, llum, it-Tnejn, 18 ta' Mejju, 2026.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv